**8 ta' Mejju, 1961**

**Imħallef:—**

**Onor. Dr. J. Flores, B.L. Can., LL.D.**

Alfredo Genovese

*versus*

Avukat Dr. Riccardo Farrugia et. ne.

**Eżekuzzjoni ta' Kuntratt — Ċitazzjoni — Nullità — Spejjeż Ġudizzjarji — Art. 257(1) tal-Proċedura Ċivili.**

*L-awtorizzazzjoni ġudizzjarja għall-eżekuzzjoni ta' titolu għax id-debitur ikun miet hija meħtieġa mhux biss meta l-eżekuzzjoni tkun diretta kontra l-werrieta tad-debitur, imma anki meta azzjonata tkun l-eredità ġjaċenti tiegħu. Din l-awtorizzazzjoni tintalab kontra l-werrieta meta l-eżekuzzjoni tkun diretta kontra tagħhom; u tintalab kontra kuraturi tal-eredità ġjaċenti meta l-werriet ma jkunx magħruf jew ikun għadu ma ddikjarax jekk hux bi ħsiebu jaċċetta l-wirt.*

*Jekk biċ-ċitazzjoni tiġi mħarrka wkoll persuna oħra li ma kienx hemm bżonn li tiġi mħarrka, dan ma jirrendix nulla ċ-ċitazzjoni, imma biss jinfluwixxi fuq l-allokament tal-ispejjeż.*

Il-Qorti:— Rat l-att taċ-ċitazzjoni li bih l-attur, wara li qabel xejn tingħata kull dikjarazzjoni meħtieġa u provvediment li jmiss premess li b'kuntratt publikat minn-Nutar Dottor Joseph Cachia fit-18 ta' April 1957 (dokument A) l-attur silef is-somma ta' £178 lil Carlo Spiteri u lill-konvenuta Giuseppina Spiteri "in solidum" bejniethom, bl-obligu li jirrestitwuha lill-attur in vija solidali fi żmien sentejn mill-ġurnata tal-kuntratt, bl-imgħax tat-3% fis-sena; u premess li immedjatament wara l-att l-attur irċieva s-somma ta' £50 akkont tal-kapital misluf; u premess li fit-12 ta' Ottubru 1959 miet wieħed mid-debituri, u ċjoè Carlo Spiteri,

u għalhekk, biex il-kuntratt fuq imsemmi jista' jiġi eżegwit kontra l-wirt tal-istess Carlo Spiteri, hemm bżonn l-awtorizzazzjoni ta' din il-Qorti; talab li l-attur jiġi awtorizzat li jeżegwixxi l-kuntratt ta' self fuq imsemmi biex jottjeni minn għandhom ir-restituzzjoni tas-somma ta' £128, bilanċ tal-kapital misluf, dovut " in solidum" bejniethom, kif ukoll il-pagament tal-imgħax tat-3% fis-sena mid-data tal-kuntratt sal-pagament; bl-ispejjeż, kompriżi dawk tal-ittra uffiċjali tat-13 ta' Mejju 1960;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Bl-att publiku dokument "A", tat-18 ta' April 1957, l-attur silef lil Carlo Spiteri u lill-konvenuta Giuseppina Spiteri li obligaw ruħhom għar-restituzzjoni "in solidum" fi żmien sentejn mid-data tal-att, is-somma ta' £178, bl-imgħax tat-3% fis-sena, li kellhom jitħallsu flimkien mal-kapital. Dak inhar stess tal-att l-attur irċieva £50 akkont tal-kapital misluf;

Fit-12 ta' Ottubru 1959 miet id-debitur Carlo Spiteri, u l-attur qiegħed jitlob l-awtorizzazzjoni biex ikun jista' jeżegwixxi l-kuntratt riferit, għall-finijiet tal-art. 257(1) tal-Proċedura Ċivili; u dan fil-kontradittorju tant tal-eredità ġjaċenti tad-debitur Spiteri kemm tal-ko-debitriċi Giuseppina Spiteri;

L-ewwel eċċezzjoni tal-kuraturi, u dik tal-konvenuta, ma kienux eċċezzjonijiet tal-irritwalità taċ-ċitazzjoni in kwantu diretta wkoll kontra l-konvenuta, imma tal-inutilità tat-taħrika tagħha u in kwantu dan jirrifletti fuq l-ispejjeż tal-kawża. Fil-fatt, ankorkè l-attur ħarrek lill-konvenuta Spiteri inutilment, ma hemmx nullità tal-proċeduri, imma biss kwistjoni dwar l-allokazzjoni tal-ispejjeż riżultanti mill-proċedura adottata kontra l-konvenuta ("Cassar Torreggiani vs. Schembri", Vol. XXI-I-142);

Fin-nota tagħhom a fol. 21 il-kuraturi opponew ukoll illi fit-termini tal-art. 257(1) u (2), l-awtorizzazzjoni ġudizzjarja għall-eżekuzzjoni ta' titolu hija meħtieġa fil-każ biss

ta' eżekuzzjoni kontra l-werrieta, u li hekk, meta l-eżekuzzjoni tintalab kontra eredità ġjaċenti, dik l-awtorizzazzjoni mhix neċessarja;

Dak l-artikolu tal-liġi, però, jeżiġi l-awtorizzazzjoni ġudizzjarja per mezz ta' ċitazzjoni fil-każi kollha ta' proċedura eżekuttiva meta d-debitur ikun miet. Din l-awtorizzazzjoni għandha tintalab fil-kontradittorju tal-werrieta meta l-eżekuzzjoni sejra tkun diretta kontra tagħhom, u fil-kontradittorju ta' kuraturi tal-eredità fil-każ li l-werriet ma hux magħruf jew ikun għadu ma ddikjarax jekk hux bi ħsiebu jaċċetta l-wirt. Din l-awtorizzazzjoni hi meħtieġa preċiżament minħabba l-mewt tad-debitur, biex jiġi epurat il-kreditu minn kull possibbli inċertezza u soprużi li l-mewt tad-debitur tista' tagħti lok għalihom. Din il-bażi tad-dispożizzjoni tal-liġi tapplika sew jekk ikun hemm aċċettazzjoni tal-eredità kemm jekk il-werriet ma jkunx magħruf, jew ikun għadu ma ddikjarax l-intenzjoni tiegħu li jaċċetta l-wirt. Il-kliem tal-liġi "l-eżekuzzjoni titmexxa kontra dan il-kuratur" — fit-test ingliż "execution proceedings", taħt l-inċiż (2) tal-art. 257, jirriferixxi għall-proċeduri eżekuttivi fosthom l-awtorizzazzjoni tal-Qorti;

Ikkunsidrat;

Il-kuntratt riferit kien eżegwibbli kontra l-konvenuta Spiteri, u dan saż-17 ta' April 1952, jew sa tliet snin minn meta seta' jiġi eżegwit (art. 258 P.Ċ.); u dan mingħajr il-bżonn ta' ebda awtorizzazzjoni ġudizzjarja. Hekk, l-attur ma kellux għalfejn, għall-finijiet tal-awtorizzazzjoni fil-konfronti tal-eredità tal-ko-debitur Carlo Spiteri, iħarrek ukoll lill-konvenuta, ankorkè din hija debitriċi solidali ma' dik l-eredità. Jekk huwa għażel li jaġixxi anki kontra l-konvenuta, darba li dan ma kienx neċessarju għall-finijiet ta' din il-kawża, hu xieraq illi l-ispejjeż relattivi jissopportahom l-attur;

Għal dawn il-motivi;

Tilqa' t-talba tal-attur. L-ispejjeż, fil-konfronti tal-

konvenuti kuraturi nomine, jitħallsu mill-istess kuraturi; dawk fil-konfronti tal-konvenuta Giuseppina Spiteri jitħallsu mill-attur.